# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 289/2016**

Il-Pulizija

vs

**Jason Xuereb**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 154472 (M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jason Xuereb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli minn Ottubru sax-xahar ta' Marzu, 2016 naqas li jaghti lil Denise Falzon is-somma ta' erba' mitt euro (€400), iffissata min dik i1-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Jason Xuereb pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ll-Pulizija v Jason Xuereb moghtija fit-30 ta' Mejju, 2016 u tillibera lill-akkuzat mill-akkuza migjuba kontra tieghu. U fin-nuqqas li tilqa l-ewwel talba tirriforma is-sentenza Appellata billi stante li sar pagament tal-ammont indikat fl-akkuza allura jigi li sentenza ta' detenzjoni hi ghal kollox spropozjonata u ghalhekk jekk tinstab il-htija tordna li il-piena ta' prigunerija tigi mnehhija ghal kollox jew mibdula.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi qabel xejn fil-Qorti Kriminali trid tingieb prova li ma thalli ebda dubbju dettat mir-raguni. lssa norma ohra li tohrog minn dan il-principju baziku hi li fil-Qorti Kriminali (aktar mill-Qorti Civili) trid tingieb l-aqwa prova possibbli ("best evidence rule"). Issa fil-kaz ta' Digriet tal-Qorti irid ghalhekk bit-fors jingieb dokument originali u ufficjali mahrug mir-Registratur tal-Qorti. Il-kopja tad-digriet li ngabet f'din il-kawza ma ngabitx bil-gurament imma biss giet moghtija lill-Qorti mill-Avukat minghajr ma dan tela' jixhed dwar kif ngabet dik il-kopja u, jew min tahielu. Ghalhekk, l-akkuzat ma kellux l-okkazjoni biex jikkontro-ezamina lil xi hadd dwar dan id-dokument. Ghalhekk ukoll dan id-digriet ghandu jigi sfilzat u jekk le ghandu jigi dikjarat li dan id-dokument prezentat majistax jifforma prova konklussiva tal-ezistenza tad-Digriet li fuqu hi bazata il-kawza.

Fil-verbal jinghad li "xehdhet bil-gurament Denise Falzon ezebit id-digriet" - tajjeb jigi rilevat ma jinghadx "ezebiet" imma "ezebit". Ovvjament hawn kellu jinghad li "gie ezebit" id-digriet ghax fil-verita id-digriet ma giex prezentat mix-xhud waqt ix-xhieda taghha. lntant id-dokument hu biss kopja tieghu u fil-verita' din il-kopja kienet f' idejn l-avukat u giet prezentata mhux fix-xhieda ta' Denise Falzon imma wara li kienet nizlet minn fuq il-pedana tax-xhud u qabel it-trattazzjoni. Ghalhekk ma setax isir kontro-ezami dwaru.

Illi mistoqsi waqt it-trattazzjoni jekk kienx hu li ha il-kopja tad-digriet, l-avukat li pprezenta l-istess kopja ma wegibx. Ghalhekk hu evidenti li fuq bilanc ta' probabbilita din il-kopja nghatat

lill-Avukat Julian Farrugia mill-klijenta tieghu dakinhar stess qabel is-seduta hu ffirmaha minghajr ma ra l-original u ipprezentaha qabel it-trattazzjoni. Mhuwiex probabbli li kien l-avukat li gabar jew ghamel il-kopja mill-originali. U hawn irid jigi mfakkar li meta ssir prova mid-difiza ikun bizzejjed li din issir fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita'.

Illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova li l-kopja tad-Digriet prezentata ittiehdet mill-avukat minn fuq l-original u mhux mill-klijenta. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tara li dan id-dokument jibgieb bhala prova bil-gurament minn xi hadd - aktar u aktar la darba dan ma kienx l-aqwa prova. Illi in vista ta' dan hemm nieqsa i1-prova tad-Digriet validu - u ghalhekk fuq daqstant biss l-akkuzat ghandu jigi libertat.

Illi l-akkuza ma tindikax ghall-liema perjodu u zmien qed jigi allegat li l-akkuzat ma hallasx il-manteniment. Ghalhekk, mhuwiex possibbli li ikun hemm xi forma ta' htija - anke ghaliex hu mpossibbli li ssir difiza kif jixraq jekk l-akkuza ma tkunx tindika z-zmien li dwaru tkun qed issir l-akkuza. L-akkuzat ma setax jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu biex jirrabatti akkuza li ma kenitx tindika data ta' meta sehhet. U dan hu nuqqas aktar serju ghax l-akkuzat kien regolarment ihallas lil martu u ghalhekk jista jkun li hemm dubbju dwar id-dati li ghalihom kien qed isir il-hlas.

Illi wkoll irrizulta li probabbilment l-akkuzat hallas l-erba mitt Euro (€400) li dwarhom hu qed jigi akkuzat fl-att tal-akkuza. U ghalhekk hu ma ghandux jehel piena ta' detenzjoni la darba il-hlas tal-ammont indikat fl-akkuza sar.

Illi rrizulta li t-tlett itfal tal-partijiet sa minn Marzu, 2016 bdew jabitaw mal-akkuzat u kien ghalhekk ukollli hu ma setax ihallas lil martu ghat-tfal. Dan ghabba lill-akkuzat b' pizijiet finanzjarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Jason Xuereb fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena karcerarja nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.